MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2969/2002

***Frank Borda Limited***

***vs***

***Youssef El Farssi u Maria Concetta El Farssi***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm437.79) rappresentanti kwantu ghal Lm432.79 bilanc fuq kambjalijiet skaduti u mhux imhallsa u kwantu ghal Lm5 bhala spejjez ghall-ittra legali.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

Ra li ghalkemm l-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw ir-risposta taghhom permezz ta' digriet datat 31 ta' Jannar 2003, baqghu ma ghamlux dan u lanqas ma dehru ghas-seduta quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Peter Borg Costanzi ghannom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm437.79), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------